MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 1313/2003

**UCIM Co. Ltd.**

**vs**

**Medisan Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disgha mija u wiehed liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm901.67) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet u materjal adoperat, maghmula mis-socjeta` attrici fuq vetturi BAB-768 u DAU-443 fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante id-debita interpellazzjoni ;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-3 ta' Gunju, 2003 (Dok.A), u bl-imghax dekorribbli mill-24 ta' Marzu, 2003 skond il-Ligi sa l-effettiv pagament.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ra n-nota prezentata fid-19 ta' Settembru, 2003, mis-socjeta` attrici li biha irriduciet t-talba ghall-tlett mija u wiehed liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm301.67).**

**Semgha x-xhieda tal-PL Luisa Tufigno ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-bilanc ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm301.67) bl-imghax legali dekorribli mill-24 ta' Marzu, 2003 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju, 2003 ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------